# Il-Leġġenda tal-Għarusa tal-Mosta

**Isma' l-leġġenda mill-paġna** malti.skola.edu.mt/il-medja/wiehedsek/lingwa/is-smigh-1-sek/

**A. L-istorja minn għajnejn Ħaġġi -** ***Kompli dawn is-sentenzi skont dak li seħħ fl-istorja waqt li timmaġina li inti ĦAĠĠI.***



1. Ta' Cumbo kienu nies mill-aħjar ____________________________

2. Jien kont nirrispettahom ħafna lil ta' Cumbo għax _____________

_________________________________________________________

3. Tgħidx kemm sewwidt qalbi meta sirt naf li

_______________________________________________

4. Għalhekk, darba waħda ħriġt mid-dar ta' Cumbo u ħrabt lejn ________________________________

5. F'inqas minn sena wara jien erġajt ġejt lura Malta bl-iskop li _________________________________

6. Billejl jien u sħabi tlajna l-Mosta u meta wasalna quddiem it-torri ta' Cumbo għamilt tabirruħi li kont

________________________________________________________________________________

7. Malli missier Marjanna bexxaq il-bieb ___________________________________________________

8. Meta wasalt it-Turkija tant kont għadni rrabjat għal ta' Cumbo li _____________________________

_____________________________________________________________________________________

**B. L-isfond tal-ġrajja - Wieġeb jekk dawn is-sentenzi humiex VERU jew FALZ. Immarka l-parti żbaljata tas-sentenzi li huma foloz. Segwi l-eżempju.**

| | Veru / Falz |
|---|---|
| 1. Il-protagonisti ta' din il-ġrajja kienu jgħixu f'tarf ir-Rabat. | *Falz* |
| 2. L-istorja sseħħ fiż-żmien meta Malta kienet mifnija mill-attakki tal-furbani. | |
| 3. Ta' Cumbo kienu nies suppervi u l-Maltin ma tantx kellhom simpatija lejhom. | |
| 4. Il-furbani kienu jisirqu lill-Maltin u jeħduhom lejn it-Turkija. | |
| 5. F'dawk iż-żminijiet l-għarus kellu jitlob il-permess/kunsens ta' omm it-tfajla qabel ma jibdew it-tħejjijiet għat-tieġ. | |
| 6. Ħafna ġuvintur kienu jinqdew bl-għana biex jesprimu mħabbithom lejn xi tfajla. | |
| 7. Fl-imgħoddi kien hawn ħafna kura u kull min kien jimrad kien jitfejjaq minnufih. | |

Isem: ______________________________ Klassi: ______________________

**Ċ. Qabbel it-tifsira f'kolonna B mal-kelma li hemm f'kolonna A. Ikteb in-numi fil-kolonna B. L-ewwel waħda hija lesta.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | diqa | | osserva |
| 2. | xedd | | jakkużawhom |
| 3. | iħejju | | baħħar |
| 4. | għarrex | | kursar |
| 5. | xirfet | | libes |
| 6. | mirkeb | 1. | dispjaċir |
| 7. | jixluhom | | feġġet |
| 8. | ċimi | | jippreparaw |
| 9. | furban | | mezz tat-trasport |
| 10. | salpa | | ħbula |

**D. Fisser fi kliemek l-idjomi miktuba skuri fis-sentenzi.**

1. Ħaġġi **sewwed qalbu** u ħalef li b'xi mod jitħallas. ________________________________
2. Sab xprunara u salpa **baxx baxx** lejn it-Turkija. ________________________________
3. L-għada filgħodu l-aħbar tal-ħtif ta' Marjanna **ġriet ma' Malta kollha**. ________________________________
4. Toni tnikket mhux ftit u ħalef li **ma joqgħodx kwiet** qabel isib lill-għarusa tiegħu. ________________________________
5. Marjanna **bilkemm emmnet lil għajnejha**. ________________________________
6. Sakemm Marjanna u Toni ħarġu mill-port **qalbhom ħabbtet sitta sitta**. ________________________________

Isem: ________________________________ Klassi: ______________________